# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 21 ta' Ottubru, 2021**

**Kawża Nru. 12**

**Rik. Nru. 1274/11JRM**

Robert Nicholas **BORĠ** f'ismu kif ukoll Kevin Bonello u Franklin Barbara fil-kapaċità tagħhom bħala President u Segretarju-Ġenerali rispettivament tal-*Malta Union of Teachers* (MUT)
li tagħha Robert Nicholas Borġ huwa membru

vs

**MINISTERU TAL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL**; Dr James Calleja, Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol; Micheline Sciberras Direttur Ġenerali, Direttorat għas-Servizzi Edukattivi; u Alfred Mallia, Direttur tar-Riżorsi Umani fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-21 ta' Diċembru, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ir-rikorrent talab li din l-Onorabbli Qorti (i) ssib li l-għemil tal-imħarrkin jew ta' min minnhom li jittrasferuh bħala Kap ta' Skola minn skola għal skola oħra f'Ġunju tal-2011 sar b'abbuż u b'irregolaritajiet li jmorru kontra l-liġi u jikkostitwixxu ksur tal-Artikolu 469A(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; billi tali għemil imur lil hinn mil-liġi ('*ultra vires*') għall-finijiet tal-artikolu 469A(1)(b)(i), (ii), (iii) u (iv) tal-istess Kodiċi għaliex twettaq minn awtorita` pubblika li ma kinitx awtorizzata sabiex twettqu, u/jew l-istess imħarrkin naqsu milli jħarsu l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil amminstrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-għemil, u/jew għaliex l-għemil amminstrattiv jikkostitwixxi abbuż/setgħa tal-awtorita` pubblika billi dan sar għal għanijiet mhux xierqa u ssejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti, in kwantu tali trasferiment ma ngħatax minħabba esiġenza ta' servizz u/jew għaliex l-għemil amministrattiv mar kontra l-liġi; (ii) tordna li, fi żmien qasir u perentorju li jogħġobha tiffissa, l-istess imħarrkin jew min minnhom jirrevedu u jirriformaw id-deċiżjoni tagħhom u dan billi jħassru dan it-trasferiment u jqiegħdu lill-attur fil-post tax-xogħol li kien fih direttament qabel dan it-trasferiment; u (iii) fin-nuqqas li l-imħarrkin jagħmlu dan, għandu jiġi meqjus li t-trasferiment m'għandu ebda validita` u li l-attur jista' jerġa' jibda jaħdem fil-post tax-xogħol u fl-istess kundizzjonijiet li kien fihom direttament qabel dan it-trasferiment. Talab ukoll l-ispejjeż tal-protest ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta' Diċembru, 2011[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-30 ta' Jannar, 2012, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, talbu korrezzjoni fin-nomenklatura tal-Ministeru mħarrek, dak ta' "Ministeru tal-Edukazzjoni u Impjiegi". Jgħidu li l-Gvern, għall-finijiet tal-artikolu 181B tal-Kap. 12, għandu jiġi rappreżentat mill-Kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat mill-materja in kwestjoni, għaldaqstant Alfred Mallia ġie mħarrek għalxejn, ukoll minħabba li m'għadux jokkupa l-kariga ta' Direttur fid-Direttorat. B'mod preliminari, laqgħu wkoll billi qalu li jonqos l-interess ġuridiku fl-Unjoni tal-Għalliema (MUT) li tintavola dawn il-proċeduri. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li l-allegazzjonijiet li jagħmlu l-atturi m'humiex minnhom, u li f'kollox huma mxew ma' dak li titlob il-liġi u fil-qafas tas-setgħat kollha li tagħtihom l-istess liġi, u bit-tħaddim xieraq tal-istess minn kull awtorita` pubblika li kellha kull jedd li twettqu;

[1] Paġġ. 9 sa 10 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Marzu, 2012[2], li bih ordnat it-tibdil fl-isem jew destinazzjoni tal-Ministeru u tas-Segretarju Permanenti fid-dawl tal-ewwel eċċezzjoni preliminari mressqa mill-imħarrkin, ordnat lill-atturi sabiex permezz ta' Nota jfissru b'mod ċar il-bażi tal-azzjoni attriċi fejn tirreferi għall-artikolu 469A(1)(a) tal-Kodiċi, u ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tisma' l-provi tal-partijiet;

Rat in-Nota tat-23 ta' April, 2012[3], li biha l-atturi fissru l-bazi tal-azzjoni tagħhom fejn tirreferi għall-artikolu 469A(1)(a) bħala allegat ksur mill-imħarrkin jew min minnhom tal-artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Novembru, 2012[4], li biha ċaħdet it-talba mressqa mill-imħarrkin fis-27 ta' Settembru, 2012[5], sabiex xhud jinstema' quddiemha u dderiġiet lill-Assistent Ġudizzjarju sabiex tirregola l-mod kif isiru l-mistoqsijiet waqt is-smigħ quddiemha tal-istess xhud;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' Ottubru, 2012[6], li bih astjeniet li tqis it-talba mressqa mill-imħarrkin fit-3 ta' Ottubru, 2012[7], għar-raġunijiet hemm imsemmija;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Marzu, 2013[8], li bih ċaħdet it-talba mressqa mill-atturi fil-31 ta' Ottubru, 2012[9], billi dak mitlub imur lill hinn minn dak li huwa meħtieġ f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Mejju, 2014[10], li bih ċaħdet it-talba mressqa mill-imħarrkin fit-3 ta' April, 2014[11], għar-raġunijiet hemm imsemmija;

Rat ix-xhieda u d-dokumenti mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Mejju, 2014[12], li bih ħalliet il-kawża għas-sottomissjonijiet bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-atturi tal-11 ta' Lulju, 2014[13];

[2] Paġġ. 31 sa 32 tal-proċess
[3] Paġ. 159 tal-proċess
[4] Paġ. 226 tal-proċess
[5] Paġġ. 223 sa 224 tal-proċess
[6] Paġ. 231 tal-proċess
[7] Paġġ. 229 sa 230 tal-proċess
[8] Paġ. 239A tal-proċess
[9] Paġġ. 237 sa 238 tal-proċess
[10] Paġ. 361 tal-proċess
[11] Paġ. 358 tal-proċess
[12] Paġ. 364 tal-proċess
[13] Paġġ. 365 sa 398 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrkin tat-23 ta' Settembru, 2014[14], bi tweġiba għal dik tal-atturi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv. L-attur huwa impjegat mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni bħala Kap ta' Skola, u huwa wkoll imsieħeb fl-assoċjazzjoni attriċi (MUT). B'din l-azzjoni, l-atturi qegħdin jitolbu stħarriġ dwar d-deċiżjoni li ttieħdet mill-imħarrkin biex l-attur jirraporta għax-xogħol bħala kap ta' skola fi skola primarja meta għal aktar minn ħames snin ħadem bħala kap ta' skola sekondarja (liċeo tal-bniet). L-atturi jgħidu li l-aġir tal-imħarrkin huwa arbitrarju u abbużiv, u saħansitra sar bi ksur tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta. Jgħidu li, minkejja t-talba tagħhom lil uħud mill-imħarrkin biex jaraw għaliex ġara li ġara, baqgħu ma ngħataw l-ebda spjegazzjoni. Jgħidu wkoll li dak it-trasferiment sar ukoll bi ksur ta' ftehim settorjali bejn il-MUT u l-Gvern;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu b'eċċezzjonijiet kemm ta' xejra preliminari u kif ukoll fil-mertu. Fost l-eċċezzjonijiet preliminari l-imħarrkin qanqlu l-kwestjoni ta' nuqqas ta' interess ġuridiku fl-assoċjazzjoni attriċi, kif ukoll li wħud mill-imħarrkin m'humiex il-leġittimi kontradituri. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li l-allegazzjonijiet li jagħmlu l-atturi m'humiex minnhom, u li f'kollox huma mxew ma' dak li titlob il-liġi u fil-qafas tas-setgħat kollha li tagħtihom l-istess liġi, u bit-tħaddim xieraq tal-istess minn kull awtorita` pubblika li kellha kull jedd li twettqu;

Illi bħala <u>fatti relevanti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> jirriżulta li l-attur huwa mpjegat mal-Ministeru tal-Edukazzjoni. Kien daħal jaħdem bħala għalliem *part-time* fl-1977 u, maż-żmien, mexa 'l quddiem sa ma fl-2000 laħaq kap ta' skola[15]. Fl-2005[16] huwa applika mad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni wara sejħa li ħarġet mill-istess Diviżjoni għal kariga ta' surmast ta' skola ta' 'l fuq minn ħames mitt (500) student. Fil-bidu tal-2006, huwa ntgħażel għal din il-kariga u okkupa il-kariga bħala surmast tal-Liceo tal-Bniet Santa Tereża fl-Imrieħel. Il-kariga kienet għal ħames snin[17];

[14] Paġġ. 400 sa 417 tal-proċess
[15] Xhieda ta' Joseph Micallef f'paġ. 328 tal-proċess
[16] Paġ. 33 tal-proċess
[17] Affidavit tal-attur f'paġ, 24 tal-proċess

Illi fit-13 ta' Ġunju, 2011, l-attur intalab jattendi laqgħa mill-imħarrek Direttur tar-Riżorsi Umani fid-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi (minn issa 'l hemm imsejjaħ "id-Direttorat"), fejn ġie mgħarraf li f'qasir żmien kellu jibda jirraporta għax-xogħol bħala surmast fl-iskola Primarja ta' Ħaż-Żebbuġ. Huwa għarraf b'dan lill-MUT u permezz ta' *e-mail* tal-14 ta' Ġunju, 2011[18], l-MUT uriet in-nuqqas ta' approvazzjoni għal din l-ordni lid-Direttorat għaliex fil-fehma tagħha l-ordni ma kinetx ġustifikata u ma kienet ingħatat l-ebda raġuni għaliex id-Direttorat kien ordna din iċ-ċaqlieqa. Dakinhar ukoll[19], l-MUT irreġistrat tilwima industrijali għaliex ma ġietx konsultata mid-Direttorat qabel ma ħareġ l-ordni ta' trasferiment tal-attur. Id-Direttorat wieġeb għall-*e-mail* tal-MUT b'*e-mail* tas-17 ta' Ġunju, 2011[20], li biha seħaq li m'għamel xejn irregolari u fejn, fost oħrajn, qal li s-servizz tal-attur kien meħtieġ band'oħra[21];

Illi fl-20 ta' Ġunju, 2011[22], l-attur ġie mgħarraf uffiċjalment b'din id-deċizjoni permezz ta' *deployment notification form* fejn b'seħħ mis-7 ta' Lulju, 2011, kellu jirraporta għax-xogħol fl-Iskola Primarja ta' Ħaż-Żebbuġ, Kulleġġ Sant'Injazju;

Illi fis-27 ta' Ġunju, 2011[23], id-Direttorat ħareġ sejħa għall-mili tal-post ta' kap ta' skola fil-Kulleġġ ta' Santa Tereża, Skola Sekondarja, Mrieħel. Ħadd ma applika għal din il-kariga[24]. Id-Direttorat għaldaqstant ħatar persuna hu[25];

Illi fl-4 ta' Lulju, 2011, l-atturi ressqu protest ġudizzjarju kontra l-imħarrkin[26];

Illi fil-21 ta' Diċembru, 2011, infetħet din il-kawża;

Illi fil-mori tal-kawża, l-attur reġa' qiegħed jokkupa l-kariga ta' Kap tal-iskola Sekondarja tal-Bniet ġewwa l-Imrieħel wara sejħa li ħarġet fl-2013[27];

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> li jsawru l-każ, il-Qorti tara li l-atturi jibnu l-każ tagħhom fuq xilja ta' aġir abbużiv u arbitrarju min-naħa tal-awtorita` pubblika. Billi din tal-lum hija azzjoni meqjusa bħala waħda ta' proċedura speċjali dwar stħarriġ tal-għemil tal-

[18] Paġ. 27 tal-proċess
[19] Paġ. 48. Ara wkoll paġġ. 28 sa 29 tal-proċess
[20] Paġġ. 30 sa 31 tal-proċess
[21] Ara wkoll f'dan is-sens ix-xhieda ta' Dr Micheline Sciberras f'paġ. 312 tal-proċess
[22] Paġ. 38 tal-proċess
[23] Dok. "E" f'paġ. 52 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Dr Micheline Sciberras f'paġ. 318 tal-proċess
[24] Dok. "F" f'paġ. 53 tal-proċess
[25] Ara x-xhieda ta' Dr Micheline Sciberras f'paġ. 308 tal-proċess
[26] Dok. "RNB2" f'paġġ. 7 sa 8 tal-proċess. Ara wkoll il-lista ta' dokumenti mehmuża mar-Rikors Maħluf minn fejn tirriżulta d-data tal-ittra uffiċjali
[27] Ara x-xhieda ta' Joseph Micallef f'paġ. 328 tal-proċess u l-verbal tas-seduta tat-28 ta' Novembru, 2013, f'paġ. 337 tal-proċess

amministrazzjoni pubblika, jibda biex jingħad li s-setgħat li l-liġi tagħti lill-Qrati f'azzjonijiet bħal din iridu jitwettqu fil-parametri preċiżi li tistabilixxi l-liġi speċjali. Min-naħa l-oħra, fejn din il-Qorti tissejjaħ biex twettaq is-setgħa tagħha li tistħarreġ għemil ta' xi awtorita` pubblika, u x'aktarx minħabba li dan l-istħarriġ huwa r-rimedju waħdien li jingħata lil min iħossu mġarrab b'dak l-għemil, din għandha twettaqha safejn possibbli u safejn il-liġi ma teskludihiex milli tindaħal, u għandha tagħti lill-esklużjoni tifsira mill-idjaq kontra li terħi milli twettaq is-setgħat tagħha[28];

Illi, għaldaqstant, meta l-Qorti tintalab tistħarreġ għemil amministrattiv għandha tqis is-siwi ta' għemil bħal dak skond il-kejl tal-liġi u tal-prinċipji li jgħoddu għall-każ (u, jekk jirriżultaw iċ-ċirkostanzi xierqa, li tħassar dak l-għemil jew issibu ma jiswiex) mingħajr ma hija stess tieħu d-deċiżjoni minflok l-awtorita` kompetenti li lilha l-liġi tkun tat dik is-setgħa. Hu mħolli għal dik l-awtorita` li twettaq, bid-diskrezzjoni xierqa, l-għemil u li tieħu d-deċiżjonijiet li jitnisslu minn eżerċizzju bħal dak. It-tħassir ta' deċiżjoni min-naħa tal-Qorti jġib biss li l-istess Qorti terġa' tgħaddi l-każ għas-smigħ lil dik l-awtorita` għall-kunsiderazzjoni mill-ġdid tal-każ[29]. Jista' jkun li l-Qorti tindika lill-awtorita` pubblika li tkun li meta tqis mill-ġdid il-każ, il-konsiderazzjonijiet ikunu fuq il-linji suġġeriti fis-sentenza li fiha l-għemil amministrattiv ikun ġie mistħarreġ[30];

Illli, fid-dawl tal-imsemmija premessi, il-Qorti sejra tibda biex tistħarreġ **it-tielet eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin. Biha huma jgħidu li l-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Din l-eċċezzjoni tolqot kemm lill-Ministru, lis-Segretarju Permanenti fi ħdan l-istess Ministeru, u lid-Direttur imħarrkin;

Illi din il-Qorti tqis li l-kwestjoni dwar min hija l-persuna xierqa li għandha titħarrek f'kawża hija ta' siwi daqs kemm hu meħtieġ li tkun xierqa l-persuna li tiftaħ il-kawża. Sakemm ma jkunx jidher li l-eċċezzjoni qiegħda titqajjem biss bħala manuvra proċedurali, id-determinazzjoni ta' min għandu jkun fil-kawża hija aspett fundamentali tal-azzjoni li tkun, u dan għaliex kull att ġudizzjarju li jsir minn jew kontra persuna li ma tistax toqgħod f'kawża u li ma tkunx awtorizzata regolarment għal daqshekk, huwa att li ma jiswiex[31];

Illi jekk wieħed jaqra l-kliem tal-artikolu 181B tal-Kodiċi tal-Proċedura, għandu jsib li fejn il-kawża ma tkunx tista' ssir kontra xi wieħed mill-

[28] App. Ċiv. **30.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut noe et vs Kontrollur tad-Dwana*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.377**)
[29] App. Ċiv. **11.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Reginald Fava pro et noe vs Suprintendent tas-Saħħa Pubblika et*** u App. Ċiv. **5.4.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Saed Salem Saed vs Bord tal-Appelli dwar ir-Rifuġjati et*** fost oħrajn
[30] App. Ċiv. **31.1.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Mizzi Antiques Limited vs Iċ-Chairman tal-Malta Enterprise ġia l-Malta Development Corporation et***
[31] Art. 787(1) tal-Kap 12

kapijiet tad-dipartiment governattiv fil-każijiet maħsuba fl-ewwel sub-artikolu, allura l-Gvern huwa rappreżentat mill-Avukat tal-Istat;

Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti, dan ifisser li l-leġislatur ried li f’kull każ li fih waħda mill-partijiet tkun il-Gvern, dik ir-rappreżentanza tkun prinċipalment f’kap tad-dipartiment u, fejn dan ma japplikax, sussidjarjament fil-persuna tal-Avukat tal-Istat, li dejjem u f’kull każ irid jiġi wkoll notifikat bl-atti ġudizzjarji li jitressqu kontra l-Gvern[32];

Illi l-Qorti tqis li mill-mod kif inhi mfassla l-eċċezzjoni taħt eżami, jidher li toħloq xi ftit tal-ambigwita` għaliex huwa biss fir-rigward tad-Direttur tar-Riżorsi mħarrek li ntalab formalment il-ħelsien mill-ħarsien tal-ġudizzju f’din il-kawża. Madankollu, il-kliem tal-eċċezzjoni mistħarrġa huwa usa’ u, fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet tagħhom[33], l-imħarrkin jgħidu li dik l-eċċezzjoni tgħodd ukoll għall-Ministru u għas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru;

Illi wara li l-Qorti rat l-atti tal-kawża, u b’mod partikolari x-xhieda li tressqet, joħroġ ċar li kemm il-Ministru u kif ukoll is-Segretarju Permanenti ma kinux imdaħħla fid-deċiżjoni amministrattiva mertu ta’ din il-kawża u mkien ma ntwera li ħadu xi inizjattiva personali biex l-attur Borġ jintbagħat jaħdem bħala kap ta’ skola f’dik li fiha ntalab jibda jagħti s-servizzi tiegħu. Dwar id-Direttur imħarrek, dan ukoll ma ntweriex li kien il-persuna li ħadet id-deċiżjoni impunjata, minbarra l-fatt li, meta nfetħet il-kawża, kien hemm persuna oħra li kellha l-kariga ta’ Direttur tar-Riżorsi Umani fid-Dipartiment;

Illi l-atturi ma jgħidu xejn dwar din l-eċċezzjoni fis-sottomissjonijiet tagħhom;

Illi fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru l-Qorti tqis li l-kontradittur leġittimu waħdieni tal-azzjoni attriċi hija d-Direttur Ġenerali imħarrka, billi hija l-kap tad-Dipartiment tal-Gvern inkarigata fil-materja in kwistjoni;

Illi, għalhekk, il-Qorti ssib li t-tielet eċċezzjoni preliminari hija tajba u sejra tilqagħha. Dan iwassal biex bħala kontradittur leġittimu tibqa’ fil-kawża biss l-imħarrka Direttur Ġenerali għas-Servizzi Edukattivi u b’hekk jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju l-imħarrkin l-oħra;

Illi jmiss li l-Qorti tqis **il-ħames eċċezzjoni preliminari** li tgħid li jonqos l-interess ġuridiku fl-Unjoni tal-Għalliema (MUT) biex tmexxi ’l quddiem din il-kawża skond il-liġi. Fis-sewwa, l-imħarrkin ma jfissrux għaliex u kif

[32] Art. 181B(3) tal-Kap 12
[33] § 5 f’paġ. 401 tal-proċess

jonqos l-interess ġuridiku tal-MUT f'din il-kawża u lanqas ma jġibu 'l quddiem sottomissjonijiet dwarha fin-Nota ta' Osservazzjonijiet tagħhom. Imma ladarba din l-eċċezzjoni ma rtirawhiex, il-Qorti jkollha tqisha għaliex, wara kollox, il-kwestjoni tal-interess ġuridiku ta' parti f'kawża hija ta' siwi kostituttiv tal-azzjoni nnifisha. Il-Qorti tirrileva li l-eċċezzjoni tqajmet biss fir-rigward tal-assoċjazzjoni attriċi;

Illi kif ingħad għadd ta' drabi mill-Qrati Maltin, l-interess meħtieġ fl-attur irid ikun wieħed dirett, leġittimu, kif ukoll attwali[34]. L-interess irid joħroġ minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kundizzjoni pożittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ġġib fix-xejn dritt li jappartjeni lid-detentur jew lilu jkun mistħoqq[35];

Illi l-interess ġuridiku f'attur huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta li jagħraf il-jedd tal-istess attur u li, fih innifsu, joħloq il-ħtieġa tal-vertenza. Għalhekk dan iġib miegħu il-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa interess ġuridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna għandha, jiġifieri li titlob li, fil-konfront tagħha, issir ħaqq jew li tiġi msewwija nġustizzja magħmula fil-konfront tagħha[36];

Illi għar-rigward ta' l-aspett ta' attwalita` tal-interess tal-attur, azzjoni tista sseħħ u titqies imsejsa b'interess kif imiss kemm-il darba tkun kapaċi li tipproduċi riżultat vantaġġuż jew utili għal min jipproponiha u li dak ir-riżultat jista' jkun ta' fejda għal min jiftaħ il-kawża[37]. Barra minn dan, irid jintwera li dak l-interess jibqa' jseħħ matul il-ħajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha, għaliex jekk dan l-interess jonqos jew jintemm, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa' fil-kawża[38];

Illi l-interess tal-parti attriċi għandu jkun jidher mill-att li bih tinfetaħ il-kawża[39], u għalkemm il-mottiv tal-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi f'dak l-att ġudizzjarju, għandu jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kuntrastat mill-parti mħarrka[40];

Illi, kif ingħad qabel, id-Direttorat imħarrek ma ressaq lanqas l-iċken sottomissjoni f'dan ir-rigward, u bħal donnu nesa għal kollox il-ħames eċċezzjoni tiegħu. Mill-provi dokumentali mressqa quddiemha, lill-Qorti jirriżulta li l-preżenza tal-MUT f'din il-kawża toħroġ mill-fatt li l-attur huwa msieħeb tagħha

---

[34] Ara P.A. **20.1.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Watson vs. Sacco*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.453**)
[35] Ara P.A. **27.3.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Muscat et vs Buttiġieġ*** (Kollez. Vol: **LXXIV.iii.481**)
[36] App. Kumm. **2.4.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia et vs Buhaġiar*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.98**)
[37] Ara App. Ċiv. **27.5.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Bond vs Mangion et*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.385**). Ara wkoll App. Ċiv. **14.9.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Millard vs Said et noe*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.299**)
[38] App. Ċiv. **17.2.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut et noe vs Attard*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.246**)
[39] Ara App. Ċiv. **3.12.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs. Caruana*** (Kollez. Vol: **LXVIII.ii.232**) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija
[40] Ara App. Ċiv. **12.12.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Ignazio Gatt vs Michael Debono et*** (mhix pubblikata)

u d-deċiżjoni amministrattiva mertu ta' din il-kawża kienet tolqot ukoll aspett sindakali li jagħti lill-MUT raġuni diretta biex tara kif u għaliex dik id-deċiżjoni ttieħdet, kif ukoll li l-allegat ksur li d-Direttorat imħarrek huwa mixli bih huwa msejjes fuq il-ftehim settorjali li kien intlaħaq bejn l-MUT u l-Gvern fit-23 ta' Awwissu, 2010. Taħt premessa numru 10 tal-ftehim kollettiv, il-Gvern jagħraf lill-MUT bħala l-assoċjazzjoni tal-għalliema fis-settur pubbliku[41]. Din il-linja ta' ħsieb jorbot magħha wkoll id-Direttorat imħarrek meta jqis lill-MUT bħala assoċjazzjoni favur l-għalliema u li l-għan tagħha huwa li tippromwovi l-interessi tagħhom[42]. F'din il-kwalita`, l-imsemmija assoċjazzjoni attriċi tikseb interess kemm favur tagħha u kif ukoll bħala ħarriesa tal-interessi sindakali tal-attur Borġ;

Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li l-MUT għandha l-interess ġuridiku biex tkun parti fil-kawża. Min-naħa l-oħra, l-fatt li l-Qorti ssib li l-MUT hija l-attriċi leġittima tal-azzjoni attriċi ma jfissirx b'daqshekk li t-talbiet attriċi huma mistħoqqa: ifisser biss li s-siwi tal-azzjoni jrid jitkejjel mal-qagħda tal-parti li tkun u mal-argumenti li għoġobha tqajjem f'din il-kawża;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-ħames eċċezzjoni preliminari mhix tajba u mhux sejra tintlaqa';

Illi, bħala **parti mis-sottomissjonijiet tagħhom tal-għeluq**[43], **l-imħarrkin qajmu żewġ kwestjonijiet (eċċezzjonijiet) proċedurali oħra** li fl-ebda waqt tal-kawża qabel dak il-ħin ma kienu semmew: jiġifieri jekk kemm-il darba l-azzjoni attriċi kinitx tressqet wara li kien għalaq iż-żmien lill-atturi biex jagħmlu dan (skond kif jipprovdi l-artikolu 469A(3) tal-Kap. 12), kif ukoll li d-deċiżjoni tal-imħarrkin ma hijiex 'għemil amministrattiv' skond l-artikolu 469A(2) tal-Kap. 12;

Illi għar-rigward ta' 'l-ewwel' kwestjoni, l-imħarrkin jibnu dan l-argument tagħhom fuq il-fatt li l-azzjoni tal-attriċi hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju u għaldaqstant, għall-finijiet tal-artikolu 469A(3) tal-Kap 12, messha nbdiet fi żmien sitt (6) xhur minn meta l-atturi saru jafu, jew messhom kienu jafu, bl-għemil amministrattiv li riedu jattakkaw. Jirraġunaw li l-azzjoni messha nfetħet fi żmien sitt xhur mit-13 ta' Ġunju, 2011 meta l-attur attenda għal-laqgħa mad-Direttur tar-Riżorsi Umani;

Illi għar-rigward tat-'tieni' kwestjoni, l-imħarrkin jgħidu li t-trasferiment kien biss bl-għan ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna

[41] Paġ. 61 tal-proċess
[42] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrkin f'paġ. 407 tal-proċess
[43] Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrkin f'paġġ. 409 sa 414 tal-proċess

fl-istess direttorat u għalhekk it-trasferiment m'għandux jitqies li huwa għemil amministrattiv permezz tal-artikolu 469A(2);

Illi din il-Qorti tibda biex tgħid li ma tarahiex ħaġa sewwa li parti f'kawża, quddiem ħwejjeġ li hija tkun ilha tafhom, tqajjem difiżi f'Nota ta' Osservazzjonijiet meta jkunu ngħalqu l-provi u bla ma qatt tkun tat ħjiel tal-istess linja difensjonali la lill-parti l-oħra u wisq anqas lill-Qorti li tkun qiegħda tisma' l-kawża. Il-liġi tgħid meta, kif u b'liema mod tista' titqajjem eċċezzjoni wara li tkun tressqet it-Tweġiba Maħlufa[44], u ma jixraqx li tali "eċċezzjoni" titressaq b'argument waqt it-trattazzjoni tal-għeluq, kemm jekk din issir bil-fomm u kif ukoll jekk issir bil-miktub. Il-Qorti ma jidhrilhiex illi għandha tidħol biex tqis argument bħal dan daqslikieku kien 'eccezzjoni preliminari' dwar id-dekadenza tal-azzjoni fi stadju ta' trattazzjoni anke jekk din saret bil-miktub, mingħajr ma jkun sar aċċenn għaliha tul is-smigħ tal-kawża;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li sakemm ma tkunx formalizzat eċċezzjoni w ipprovdiet dwar it-tressiq ta' eċċezzjonijiet ulterjuri, il-kwestjoni mqanqla tibqa' biss kwestjoni jew argument u ma ssirx minnha nnifisha eċċezzjoni li dwarha din il-Qorti trid tagħti provvediment;

Illi, minbarra dan, il-Qorti żżid ukoll li fir-rigward tal-eċċezzjoni marbuta mal-artikolu 469A(3), speċifikatament fejn l-imħarrkin bħal donnhom ilumu lil din il-Qorti talli ma qajmitx il-kwestjoni minn rajha ("*ex ufficio*")[45], il-Qorti tgħid biss li ladarba huwa aċċettat li ż-żmien maħsub fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 huwa wieħed ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni, kien jaqa' fuq min kellu interess li jqajjem l-eċċezzjoni fl-istadju xieraq tal-kawża "*in limine litis*", b'mod li jekk kemm-il darba għażel jew ma ntebaħx li kellu jqanqal dik il-kwestjoni f'dak il-waqt, ikun meqjus li rrinunzja għaliha, kif jidher li ġara f'dan il-każ fejn l-imħarrkin l-ewwel darba li semmew il-kwestjoni kien 'il fuq minn tlett (3) snin wara li l-kawża bdiet tinstema'. Dan qiegħed jingħad għaliex eċċezzjoni dwar it-tressiq f'waqtu tal-kawża minħabba termini ta' dekadenza hija eċċezzjoni perentorja tal-ġudizzju, u dawn l-eċċezzjonijiet jitqiesu bħala eċċezzjonijiet dilatorji li jmisshom jitqajmu fil-bidu tal-kawża[46]. Fl-aħħarnett, tajjeb li jingħad li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura jgħoddu għal dawk l-azzjonijiet ta' stħarriġ ta' għemil amministrattiv imsejsin fuq ċirkostanzi maħsuba fis-sub-artikolu (1)(b). F'din il-kawża, l-azzjoni attriċi tinbena wkoll fuq allegat ksur taħt is-sub-artikolu (1)(a) li għalih ma jgħoddx it-terminu fuq imsemmi;

[44] Art. 728(2) tal-Kap 12
[45] Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrkin f'paġ. 413 tal-proċess
[46] Ara, App. Kumm. **5.4.1971** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Debono pro et noe vs John Caruana noe et*** (mhix pubblikata); Kumm. **22.6.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia vs Merċieca noe*** (Kollez. Vol: **LXXII.iv.790**) u App. Ċiv. **19.5.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Victoria Borġ et vs Sindku Kunsill Lokali Pietà noe et noe*** fost bosta oħrajn

Illi dan iwassal lill-Qorti biex twarrab l-argumenti tal-imħarrkin f'dan ir-rigward;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa biex tistħarreġ **l-ilment tal-atturi fil-mertu** fid-dawl tal-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-imħarrkin għal dawk l-ilmenti. L-atturi jixlu lid-direttorat b'imġiba li tikser il-Kostituzzjoni, u b'aġir lil hinn mil-liġi (*ultra vires*) u bi ksur tagħha. Kemm hu hekk, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom[47], huma jippuntwalizżaw l-azzjoni bħala waħda li tistenna li din il-Qorti tistħarreġ id-deċiżjoni amministrattiva li ordnat lill-attur jibda jagħti s-servizzi tiegħu bħala kap ta' skola minn kulleġġ differenti minn fejn kien, u dan fid-dawl ta' aġir li l-atturi jqisu li kien jammonta għal ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali. Jaqa' fuq l-atturi l-ħtieġa li jippruvaw dak li jallegaw. Naturalment, dan meħtieġ li jsir fil-grad mistenni f'kawża ta' xejra ċivili bħalma hija kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju;

Illi għar-rigward <u>il-kawżali li l-għemil tad-Direttorat imħarrek sar bi ksur tal-Kostituzzjoni</u>, il-Qorti tasal għall-fehma li dwar l-**artikolu 469A(1)(a**) tal-Kap 12, għajr għad-dikjarazzjoni magħmula permezz ta' Nota[48] fejn l-atturi jsemmu l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni bħala l-bażi tal-azzjoni attriċi, huma ma wrew bl-ebda mod kif l-imġiba tad-Direttorat imħarrek kisret dik id-dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni. Tinnota wkoll li, fl-ebda waqt matul is-sottomissjonijiet estensivi tagħhom, l-atturi lanqas biss reġgħu semmew din il-kawżali. Id-Direttorat imħarrek, min-naħa l-oħra, jilqa' billi jgħid li l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ma jgħoddx għall-każ tallum[49];

Illi l-Qorti issib li l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni jorbot mal-jedd li jsiru ħatriet jew it-tneħħija minn ħatriet ta' uffiċjali pubbliċi jew dwar it-teħid ta' proċeduri dixxiplinarji kontra persuni li jokkupaw karigi fis-servizz pubbliku. Fil-każ tallum, ma jirriżultax li ttieħdu passi dixxiplinarji kontra l-attur Borġ u l-kwestjoni tad-deċiżjoni attakkata la tirrigwarda l-ingaġġ tiegħu fis-servizz pubbliku u lanqas it-tneħħija tiegħu minn tali servizz. Il-Qorti għaldaqstant sejra tilqa' s-sottomissjoni tal-imħarrkin u ssib li din il-kawżali m'hijiex pruvata;

Illi għar-rigward ta' dik il-parti tal-azzjoni attriċi msejsa fuq <u>il-kawżali li l-għemil amministrattiv twettaq *ultra vires*</u>, jiġifieri l-allegat ksur tal-**artikolu 469A(1)(b),** biex il-Qorti tqis is-siwi tal-ilmenti jeħtieġ li tara (i) min ħa d-deċiżjoni sabiex l-attur jiċċaqlaq minn skola u jmur jagħti s-servizz tiegħu band'oħra; (ii) liema kienu l-kriterji li ntużaw biex ittieħdet id-deċiżjoni; (iii) taħt liema dispożizzjonijiet tal-liġi kien regolat min ħa d-deċiżjoni u l-kriterji li ntużaw; u (iv) jekk, fid-dawl taċ-ċirkostanzi li jsawru l-każ, min ħa d-deċiżjoni

[47] Paġ. 388 tal-proċess
[48] Paġ. 159 tal-proċess
[49] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrkin f'paġġ. 414 u 415 tal-proċess

qabiżx is-setgħat tiegħu jew wettaqx użu mhux raġonevoli tad-diskrezzjoni mħollija f'idejh;

Illi, kemm waqt it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom u kif ukoll mis-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub[50], joħroġ ċar li l-atturi jorbtu l-każ tagħhom ma' xilja ta' nuqqas ta' raġonevolezza min-naħa tad-Direttorat u ma' ksur tal-prinċipji ta' ħaqq naturali fil-każ tad-deċiżjoni tad-"*deployment*" tal-attur Borġ (huwa jsejjaħlu 'trasferiment'), l-aktar fin-nuqqas ta' għoti ta' raġuni u fin-nuqqas li jitħalla jressaq il-każ tiegħu;

Illi l-Qorti tqis li huwa meħtieġ qabel kollox li wieħed jara liema hija l-liġi jew prassi li tistabilixxi dak il-"*vires*". Wara li wieħed jistabilixxi liema hija l-liġi/prassi, ikun jista' jara jekk dak li sar seħħx tassew fil-parametri tagħha jew inkella jekk inqabżux il-limiti tagħha. L-atturi ma jsemmu ebda liġi ħlief (i) referenza għal prassi ta' konsultazzjoni mħaddna bejn l-MUT u l-Gvern f'każ ta' trasferiment, jiġifieri li qabel ma jseħħ, it-trasferiment jiġi diskuss mal-MUT u d-Direttorat jagħti raġuni jew ġustifikazzjoni il-għala t-trasferiment huwa meħtieġ[51]. L-MUT tgħid li f'dan il-każ, konsultazzjoni ma saretx u ma ngħatat ebda ġustifikazzjoni kif kienet mistennija. Minbarra dan, l-atturi jsejsu l-azzjoni tagħhom fuq (ii) il-klawsola 9 tal-ftehim kollettiv bejn il-Gvern u l-MUT (2010) li tirregola l-kapijiet tal-iskejjel[52]. It-trasferiment ta' kap ta' skola fi skola li taqbeż ħames mitt (500) student isir wara li tinħareġ sejħa mid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat miftuħa lill-kapijiet tal-iskejjel kollha. F'każ li ħadd ma japplika jew ebda persuna ma tkun misjuba xierqa biex timla l-ħatra, il-kariga tingħata lil kap ta' skola ieħor jew oħra skond il-ħtiġijiet tas-servizz u dan wara li d-Direttur Ġenerali jikkonsulta mal-Prinċipal tal-kulleġġ koncernat;

Illi għal dawn ix-xiljiet, id-Direttorat imħarrek jilqa' billi jgħid li (i) l-ftehim kollettiv ma jorbotx lid-Direttorat li jikkonsulta mal-MUT f'każ ta' allokazzjoni tar-riżorsi umani[53]; (ii) li l-Att dwar l-Edukazzjoni[54], għal kuntrarju, jorbot lid-Direttorat biex jassigura l-operat u l-provvista ta' servizzi b'mod effiċjenti fil-kulleġġi u fl-iskejjel tal-istat, filwaqt li l-ftehim kollettiv[55] jagħti s-setgħa lid-Direttorat li jċaqlaq l-impjegati tiegħu kif jidhirlu xieraq, skond l-eżiġenzi tas-servizz, wara konsultazzjoni bejn id-Direttur Ġenerali u l-Prinċipal tal-kulleġġ konċernat;

Illi għalhekk, il-Qorti tqis li l-għarbiel li trid tuża biex tkejjel is-siwi u s-setgħat tal-għemil li minnu jilmentaw l-atturi huwa l-qafas tal-imsemmija prassi, u l-ftehim kollettiv. Imiss li tara jekk id-Direttorat marx lil hinn minn dan

[50] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-atturi f'paġġ. 374 u 397 tal-proċess
[51] Ara x-xhieda ta' Franklin Barbara mogħtija fil-kontro eżami f'paġġ. 353 sa 354 tal-proċess
[52] Dok. "G" f'paġġ. 55 sa 56 tal-proċess
[53] *Ibid.* f'paġ. 404 tal-proċess
[54] Art. 10 tal-Kap. 327.
[55] Art. 23(1) tal-Ftehim Kollettiv bejn il-Gvern u l-MUT (2010)

il-qafas meta ħareġ l-ordni biex l-attur jirraporta għax-xogħol ġol-Iskola Primarja ta' Ħaż-Żebbuġ;

Illi, jingħad b'mod ġenerali li l-Ftehim Kollettiv[56] jagħraf il-jedd li d-Direttur Ġenerali għandha li ċċaqlaq impjegati li jagħmlu mid-Dipartiment tagħha skond l-eżiġenzi tas-servizz. Fix-xhieda mogħtija minnha, id-Direttur Ġenerali tispjega b'ċertu dettall il-pressjoni li tinħoloq minn sena għal oħra fuq id-Direttorat biex jassigura li l-eżiġenzi tas-servizz jintlaħqu, fosthom il-mili ta' postijiet li jkunu battala. Fissret ukoll li dak li ntlaqat bih l-attur Borġ ma kienx każ iżolat marbut maċ-ċaqlieqa tiegħu biss, imma kien eżerċizzju li laqat lil bosta kapijiet ta' skola bħalu u wkoll assistenti kapijiet ta' skola;

Illi dwar il-mili ta' kap ta' skola fi skejjel li jaqbeż ħames mitt (500) student, il-Ftehim Kollettiv[57] jorbot lid-Direttur Ġenerali li ssegwi proċedura *ad hoc* li bis-saħħa tagħha toħroġ sejħa għall-kapijiet tal-iskejjel kollha, u f'każ li ma japplika ħadd, jew l-applikant ma jkunx meqjus xieraq li jokkupa tali ħatra, il-Ftehim Kollettiv jagħti s-setgħa lid-Direttur Ġenerali li tagħżel hi, b'konsultazzjoni mal-Prinċipal tal-Kulleġġ konċernat, il-persuna li għandha timla dik il-ħatra. Din kienet il-proċedura li ġiet segwita u hekk sar meta l-attur intgħażel bħala Kap tal-Liċeo tal-Bniet ta' Santa Tereża fl-2006;

Illi mill-provi jirriżulta li ħames snin wara, fl-2011, fid-diskrezzjoni tagħha, id-Direttur Ġenerali għażlet lill-attur biex jokkupa l-post ta' Kap tal-Iskola Primarja ta' Ħaż-Żebbuġ, wara konsultazzjoni mal-Prinċipal tal-kulleġġ konċernat. Fi kliem id-Direttur Ġenerali, il-fatt li l-attur intalab jokkupa l-kariga ta' Kap ta' skola primarja flok waħda sekondarja, m'għandux jitqies bħala tnaqqas mill-ġieh lill-attur jew "*demotion*", għaliex la l-liġi u lanqas hi ma kienu jagħrfu bejn kap ta' skola primarja u kap ta' skola sekondarja[58]. Għal kuntrarju, id-Direttur Ġenerali tgħid li f'għajnejha l-attur Borġ kien il-persuna l-aktar xierqa biex timla dik il-ħatra;

Illi l-Qorti tifhem li ladarba eżerċizzju bħal dak jimplika diskrezzjoni, dan ifisser li t-twettiq ta' dik id-diskrezzjoni, għall-finijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju, tippermetti li l-persuna mogħnija b'dik is-setgħa diskrezzjonali ma tkunx marbuta mal-elementi oġġettivi għall-formazzjoni tal-ħsieb tagħha, li huwa fdat għall-prudenza suġġettiva ta' dik il-persuna u li timplika tabilfors element soġġettiv[59]. Madankollu, dik id-diskrezzjoni trid titwettaq fil-parametri tal-liġi li tawtorizżaha, b'mod raġonevoli, b'ekwita` u ħaqq[60] u mingħajr abbuż ta' dik l-istess diskrezzjoni[61];

---

[56] Art. 23 tal-Ftehim Kollettiv
[57] Art. 9 tal-Ftehim Kollettiv
[58] Xhieda tagħha f'paġġ. 299 – 300 tal-proċess
[59] App. Ċiv. **30.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut noe et vs Kontrollur tad-Dwana*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.376**)
[60] App. Ċiv. **21.4.1961** fil-kawża fl-ismijiet Masini noe vs Podesta` noe (Kollez. Vol: **XLV.i.110**)
[61] App. Inf. **26.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter J. Azzopardi et noe vs Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji***

Illi kien għalhekk li, mal-medda taż-żmien, issawru regoli li jħarsu l-imsemmija setgħat diskrezzjonali u kif il-Qrati kellhom iqisu l-istħarriġ tagħhom dwarhom. Ewlenija fost dawn ir-regoli hi li awtorita` li hija mogħnija b'diskrezzjoni tista' tiġi ordnata teżerċitaha f'każ li tkun naqset li tagħmel dan, imma ma tistax tiġi dettata x'għandha tiddeċiedi jew li twettaqha b'xi mod partikolari. Biex jiġi assikurat li din id-diskrezzjoni kienet imwettqa, jeħtieġ li lill-Qorti jirriżultalha li dik l-awtorita` tassew qieset il-kwestjoni li kellha quddiemha, u li dan għamlitu mingħajr l-indħil tal-ebda ħaddieħor jew bla ma poġġiet lilha nnifisha f'qagħda fejn ma setgħetx jew irrifjutat li twettaq dik id-diskrezzjoni[62]. Siewi wkoll li jiġi aċċertat li l-awtorita` mistħarrġa m'għamlitx dak li kienet espressament miżmuma milli tagħmel, jew jekk għamlitx xi ħaġa li ma kinitx awtorizzata tagħmel. Fuq kollox, l-awtorita` mistħarrġa trid tkun imxiet b'bona fidi u qieset il-konsiderazzjonijiet rilevanti tal-każ. Dawn huma, fil-qosor, il-ġabra tal-kategoriji fid-Dritt Amministrattiv ta' nuqqas ta' eżerċizzju ta' diskrezzjoni u ta' eċċess jew abbuż ta' dak l-eżerċizzju;

Illi d-dmir li awtorita` taġixxi raġonevolment mhux l-istess bħad-dmir li taġixxi b'bona fidi[63]. Għalhekk, filwaqt li mhux kull eżerċizzju raġonevoli ta' ġudizzju huwa bilfors korrett, lanqas mhuwa bilfors irraġonevoli kull eżerċizzju ta' ġudizzju żbaljat[64]. F'każ bħal dan, ix-xiber li l-Qorti jidher li għandha tuża biex tkejjel bih ikun dak li tqis jekk id-deċiżjoni li minnha jkun hemm ilment kinitx mistennija li tittieħed minn persuni raġonevoli;

Illi l-kittieba awtorevoli f'dan il-qasam jgħallmu li r-rwol ewlieni tal-Qrati fid-dritt amministrattiv huwa dak li jiżguraw li ma tonqosx il-legalita` fl-għemil mistħarreġ, iżjed minn dak li jaraw li l-awtorita` pubblika mistħarrġa tkun iddeċidiet sewwa. Hekk ukoll tfissret il-qagħda f'bosta deċiżjonijiet tal-qrati[65];

Illi huwa stabbilit li biex jitqies jekk awtorita` wettqitx b'mod raġonevoli d-diskrezzjoni mogħtija lilha bis-saħħa ta' xi liġi, irid jintwera li dik l-awtorita` mxiet ma' dak li kellha jew messha tagħmel u mhux biss ma' dak li setgħet tagħmel[66]. Dan ifisser li l-kejl tar-raġonevolezza jkun wieħed oġġettiv marbut maċ-ċirkostanzi fattwali li fihom dik l-istess diskrezzjoni titwettaq[67]. B'żieda ma' dan, biex imġiba titqies abbużiva, min jallegaha jrid juri li kien hemm element ta' intenzjoni biex wieħed jagħmel il-ħsara, liema fehma wieħed jista' jasal biex juriha b'xi prova ta' mġiba esterna li tagħmel parti mill-eżerċizzju

[62] Ara App. Ċiv. **20.5.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech Adami et vs Cremona pro et noe*** (mhix pubblikata)
[63] Ara, per eżempju, *R vs Roberts, ex p. Scurr* (**1924**) 2 K.B. 695
[64] Ara, per eżempju, *R. vs W* (**1971**) A.C. 682
[65] Ara l-bosta riferenzi msemmija minn din il-Qorti (JZM) fis-sentenza tad-**9.6.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Mario Debono et vs Tabib Prinċipali tal-Gvern et***
[66] H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, Administrative Law (10th. Edit), pġ. 295
[67] App. Ċiv. **27.3.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Dingli et vs Kontrollur tad-Dwana et***

diskrezzjonali li jkun. Minbarra dan, l-eżerċizzju diskrezzjonali jrid ikun kemm "*rite*" u kif ukoll "*recte*", jiġifieri jrid jitwettaq skond il-proċedura stabilita u kif ukoll imħaddem b'ħaqq[68]. Dan kollu jitlob ukoll li d-diskrezzjoni titwettaq b'mod raġonevoli;

Illi l-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddubita mill-korrettezza tal-fatti kif spjegati mid-Direttur Ġenerali dwar x'wassalha biex għażlet lill-attur minn fost kapijiet ta' skejjel oħra, aktar u aktar fid-dawl tal-fatt li, fil-fehma tal-Qorti, l-atturi naqsu li jippruvaw li d-Direttorat kellu f'moħħu għanijiet mhux xierqa wara ċ-ċaqlieqa tal-attur minn skola għal oħra. Il-Qorti tagħraf ukoll li, minkejja xi sfumaturi ta' xhieda li setgħu taw impressjoni ta' nuqqas ta' ħila, id-deċiżjoni li minnha jilminta l-attur Borġ ma kinitx miżura dixxiplinari jew ta' kastig. Għalhekk, safejn is-sottomissjonijiet studjati tal-atturi jimplikaw li r-raġuni taċ-ċaqlieqa kienet waħda dixxiplinari, il-Qorti ssib li dawn ma jgħoddux għall-każ tal-attur Borġ;

Illi, minkejja dan, mill-provi mressqa jirriżulta li d-Direttur Ġenerali naqset li ssegwi l-proċedura stipulata fil-ftehim kollettiv biex setgħet timtela din il-kariga, dik li toħroġ sejħa[69]. Jirriżulta li wara li tressqu ilmenti mill-attur Borġ u mill-MUT dwar din iċ-ċaqlieqa ħabta u sabta tal-attur, u wara li l-MUT kienet irreġistrat ukoll tilwima industrijali dwar dan mad-Direttorat, id-Direttur Ġenerali mħarrka għaddiet biex ħarġet sejħa biex jimtela l-post li kien jokkupa l-attur fl-Iskola ta' Santa Tereża[70]. Dan ifisser li wkoll jekk kien hemm raġunijiet tajba għaliex id-Direttur Ġenerali mħarrka dehrilha li l-attur Borġ kien meħtieġ li jintalab jagħti s-servizz tiegħu bħala kap ta' skola band'oħra, il-mod kif twettqet id-deċiżjoni dwaru ma kinitx tħares l-arranġamenti li kienu jgħoddu għall-każ u li, bi dritt, l-attur Borġ kien jistenna li jitħarsu fil-każ kif laqat lilu. Minbarra dan, issib ukoll li ma ngħatawlux raġunijiet għaliex kien intalab jagħti s-servizzi tiegħu band'oħra u li l-persuna li ntalab jiltaqa' magħha – id-Direttur tar-Riżorsi Umani fi ħdan l-istess Direttorat – kienet marbuta b'deċiżjoni diġa` meħuda minn ħaddieħor u b'fatt kompjut;

Illi dawn il-konsiderazzjonijiet meħuda flimkien mal-provi mressqa quddiemha, jwasslu lill-Qorti għall-fehma li d-Direttur Ġenerali mħarrka mxiet *ultra vires* is-setgħat mogħtija lilha mill-Ftehim Kollettiv li jorbot ir-relazzjoni tal-atturi mal-Gvern, u dan bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi kemm hu hekk, in-nuqqas ta' tħaris ta' ħtieġa proċedurali mandatorja fit-twettiq ta' għemil amministrattiv hija waħda miċ-ċirkostanzi li l-

[68] App. Inf. PS **26.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter J. Azzopardi et noe vs Awtorita` għas-Servizzi Finanzjarji***
[69] Art. 23(3) tal-Ftehim Kollettiv li jitkellem f'etmini tassattivi: "*An annual circular shall.. ..* "
[70] Dok. "E" f'paġ. 52 tal-proċess

liġi tagħraf biex issib li dak l-għemil amministrattiv huwa "*ultra vires*"[71]. Nuqqas bħal dan jaf iwassal biex il-Qorti tħassar għemil amministrattiv meħud bi ksur ta' xi pass proċedurali, ukoll jekk id-deċiżjoni setgħet kienet waħda tajba fil-mertu sostantiv tagħha;

Illi għaldaqstant **l-ewwel talba** tirriżulta mistħoqqa u sejra tintlaqa';

Illi għalkemm **it-tieni u t-tielet talbiet** huma konsegwenzjali għall-ewwel talba, ma jfissirx li jridu jintlaqgħu awtomatikament. Fl-ewwel lok, u fid-dawl ta' kunsiderazzjonijiet li saru aktar qabel, meta titressaq azzjoni ta' stħarriġ ta' għemil amministrattiv, din il-Qorti ma tiħux fuqha s-setgħat tal-awtorita` li l-għemil tagħha hija tintalab tistħarreġ. F'dan il-każ, l-atturi fit-tieni talba tagħhom, jitolbu li d-Direttorat jerġa' jagħti l-ħatra bħala Kap ta' Skola fl-Imrieħel lill-attur Borġ. Fit-tieni lok, dak li l-attur Borġ jitlob fit-tieni u fit-tielet talbiet tiegħu, twettaq matul iż-żmien li l-kawża kienet miexja u l-provi għadhom jinġabru;

Illi għalhekk, filwaqt li l-Qorti sejra tilqa' f'biċċa t-tieni talba billi tħassar id-deċiżjoni attakkata safejn din saret "*ultra* vires", qiegħda ssib li l-bqija tal-mertu tat-tieni talba u dak tat-tielet talba huma eżawriti jew imorru lil hinn minn dak li jista' jintalab minn attur f'azzjoni bħal din;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' t-tielet eċċezzjoni preliminari** u ssib li l-imħarrkin Ministru, Segretarju Permanenti u Direttur tar-Riżorsi Umani ma humiex il-kontradittturi leġittimi tal-azzjoni attriċi u għalhekk teħlishom milll-ħarsien tal-ġudizzju;

**Tiċħad il-ħames eċċezzjoni preliminari** u ssib li l-assoċjazzjoni attriċi l-*Malta Union of Teachers* kellha u għandha l-interess ġuridiku meħtieġ biex tkun parti fil-kawża u tmexxi 'l quddiem l-azzjoni mibdija minnha;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li d-deċiżjoni meħuda mid-Direttur Ġenerali mħarrka biex iċċaqlaq lill-attur Borġ bħala kap ta' skola għal kap ta' skola oħra sar bi ksur ta' ħarsien tal-prinċipji ta' ħaqq naturali u ħtiġiet mandatorji preskritti bi ksur tal-artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Tastjeni milli tqis it-tieni u t-tielet talbiet attriċi** billi, f'parti minnhom, jitolbu ħwejjeġ li din il-Qorti ma tistax tilqa' f'azzjoni ta' stħarriġ

[71] App. Ċiv. **26.5.2021** fil-kawża fl-ismijiet ***Gaetano Vella vs Università ta' Malta***

ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv, u għaliex il-mertu mitlub twettaq matul iż-żmien li l-kawża kienet miexja;

**Tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-imħarrkin** bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

Tordna li **l-ispejjeż tal-kawża** jitħallsu mid-Direttur Ġenerali Direttorat għas-Servizzi Edukattivi għajr għal dawk li jirrigwardaw lill-imħarrkin l-oħrajn li nħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju, liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-attur.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**21 ta' Ottubru, 2021**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**